



# Mro. Ġużeppi Micallef
## It-tieni surmast tas-Soċjetà Filarmonika 'Sta. Marija' (I)

***Mro. Manoel Pirotta*** *DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]*
*Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]*

Għal dis-sena se nħalli ftit 'il Mro Antonio Miruzzi (1867-1944), li f'dal-aħħar tliet edizzjoni tal-ktieb tal-festa tkellimna ħafna fuqu bħala l-ewwel surmast ta' dis-Soċjetà mużikali fil-bidu nett tas-seklu għoxrin, u minflok nlaqqagħkom mas-surmast li ġie warajh, iż-Żabbari Mro Giuseppe Micallef (1854-1914), magħruf f'raħlu bħala tal-'Baqrambun'. Apparti li kien bandist mar-*Royal Malta Fencible Artillery* u daqq fuq il-vapuri tal-gwerra tan-Navy, kellu wkoll mhux anqas minn seba' baned Maltin taħt idejh. Hu kien attiv l-aktar fir-raba' kwart tas-seklu dsatax u l-ewwel żewġ deċennji tas-seklu l-ieħor. Dal-artiklu għandu jkompli jagħni l-istorja ta' dis-Soċjetà mużikali, xi ħaġa li s-soċi fi ħdanha għandhom ikunu kburin biha.



***Pittura biż-żejt ta' Micallef, imdendla f'inkwatru fis-sala ewlenija tal-Każin tal-Banda Nicolò Isouard, il-Mosta***

Mro Ġużeppi (Ġużè, Joseph) Micallef (1854-1914[1]) kien minn Ħaż-Żabbar u kien magħruf sew f'raħlu bħala l-'Baqrambun'. Ta' 23 sena nsibuh idoqq mal-banda tar-*Royal Malta Fencible Artillery*, u ġieli daqq ukoll fuq vapuri tan-Navy, fosthom l-H.M.S. Eurylus.[2] Jidher li Micallef kien mogħni b'talenti mużikali kbar, kemm bħala mużikant u fundatur u/jew surmast ta' għadd ta' baned Maltin, kif ukoll bħala għalliem u kompożitur. Bħala surmast hu magħdud mal-ewlenin li raw l-ewwel baned jitwaqqfu fl-ibliet u l-irħula tagħna fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Infatti, hu kien aktarx attiv bejn l-1883 bit-twaqqif taż-żewġ entitajiet mużikali Żabbarin, u mhux aktar tard mill-1911, meta mbagħad ħalla l-karriera mużikali tiegħu forsi minħabba pensjoni, kwistjoni ta' saħħa, jew raġuni personali oħra mhix magħrufa. Fost ix-xogħlijiet bikrija tiegħu nsibu l-*Innu lill-Madonna tal-Grazzja*, datat 21 t'Awissu, 1879.

Hawn irrid ngħid mill-ewwel, li meta wieħed jiġi biex jaħdem fuq das-surmast irid joqgħod ferm attent li

| Banda | Pajjiż | Antonio | Gioacchino | Giuseppe | Salvatore |
|---|---|---|---|---|---|
| Prince of Wales | Birgu | | | 1893-5 | |
| Duke of Connaught's Own | B'Kara | 1894-7 | | | |
| Sant' Elena | B'Kara | | 1920 | | |
| Vilhena | Floriana | 1916-7 | | | ?-? |
| Marija Assunta | Gudja | 1944-6<br>1948-9 | | | |
| San Gejtanu | Ħamrun | 1921-2 | 1907-8 | 1911- | |
| San Ġużepp | Imsida | 1925-7 | | | |
| Imperial | Mellieħa | 1930- | | | |
| La Vittoria | Mellieħa | 1912-22 | | | |
| Nicolò Isouard | Mosta | | | 1888-90 | |
| Santa Marija | Mosta | | | 19??-11 | |
| Peace | Naxxar | | | 1885-90<br>26.8.1894-<br>?-? | |
| L'Isle Adam | Rabat | 1911-3 | | | |
| Maria Mater Gratiæ | Żabbar | | | 1883-9<br>1891-3<br>1895-9 | |
| San Mikiel | Żabbar | 1919-20<br>1923-32 | | 1883-7<br>1903-9<br>1911-? | 1920- |

ma jitfixklux ma' surmastrijiet oħra tal-istess epoka bl-istess kunjom: Antonio (Nonu) Micallef, Gioacchino Micallef u Salvatore Micallef. Fit-tabella fil-paġna preċedenti jidher l-isem tal-erba' surmastrijiet Micallef u l-baned rispettivi li huma dderiġew. Wieħed jinnota li hemm xi wħud mill-baned fejn hemm aktar minn Micallef wieħed bħala surmast, fosthom dik ta' San Gejtanu, fejn insibu lil Antonio, Gioacchino, u Giuseppi jmexxuha fi żmenijiet differenti. Antonio kien l-iktar wieħed li kellu baned taħt idejh, Giuseppi jiġi warajh, u Gioacchino u Salvatore b'żewġ baned kull wieħed. Fil-każ t'Antonio u speċjalment Giuseppe, ġieli mexxew 'il-istess banda għal aktar minn darba.




**Għaqda Filarmonika 'Prince of Wales Own', il-Birgu** (1893-5): It-tielet surmast wara Mro Giuseppe Portelli (?-?) u qabel Mro Kav. Alfred Parkimon Hare (1865-1932). Skont Cacciotolo[3], malli dil-Banda għaddiet taħtu bdiet miexja 'l quddiem, u minbarra s-sehem tagħha fil-festi Vittorjożani, bdiet tiġi wkoll mistiedna biex tagħti programmi sbieħ u varjati fi bliet u rħula oħrajn. Fi żmienu wkoll, il-banda bidlet isimha minn Għaqda Filarmonika 'Vittoriosa' għal *H.R.H. Duke of York's Own*.[4] Madankollu, l-ewwel servizz li hi wettqet taħt dal-isem kellu jkun taħt Hare, fejn tat żewġ programmi f'Ħaż-Żabbar fil-festa tad-Duttrina, 18 u 19 t'April, 1895. Dan ifisser ukoll, li Micallef kien ħalla 'l dil-Banda qabel dit-data. Min-naħa tiegħu, Robert Mifsud Bonnici[5] jgħid biss li Micallef, flimkien ma' Portelli 'żiedu għenuha u kabbruha fiż-żgħożija tagħha'.[6]

**Għaqda Mużikali 'San Gejtanu', il-Ħamrun** [1911-]: Ir-raba' surmast; qablu u warajh kien hemm il-Profs. Mro Salvatore Abela Scolare (?-?). Fi żmienu



l-Banda kienet għadha pjuttost fil-bidu tagħha peress li twaqqfet fl-24 ta' Ġunju, 1906, bil-konsegwenza li t-tagħrif dwaru u ħidmietu hu skars ħafna. Wara kollox, jidher li Micallef m'għamilx aktar minn sena magħha.



**Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija', il-Mosta** (19??-11): It-tieni surmast wara Mro Antonio Miruzzi (1867-1944). Mhux magħruf eżatt meta Miruzzi ħalla 'l dil-Banda u minfloku daħal Micallef. Fl-artiklu tiegħi, 'Mro Antonio Miruzzi (1867-1944): Ir-Re tal-Baned Maltin fl-Ewwel Tliet Deċennji tas-Seklu 20'[7] kont għedt li: 'Wara Miruzzi kien laħaq surmast ieħor, ċertu Mro G. Micallef li, min-naħa tiegħu, ma setax dam aktar mill-1911. Dan peress li mbagħad, il-Banda kienet waqfet mill-attivitajiet tagħha, anki jekk il-*Casino Santa Marija* kien baqa' jiftaħ għall-membri tiegħu. Jidher li dil-banda ma setgħetx taqbad art f'raħalha minħabba l-piki żejda li kienu jeżistu dak iż-żmien bejn iż-żewġ baned Mostin. Dir-rivalità kienet ħarġet fil-beraħ fil-festa lokali ta' San Ġużepp tal-1906, tant li l-purċissjoni kienet tħassret wara li nqalgħu xi inċidenti serji fuq min minnhom kellu d-dritta u l-preċedenza. Ma' dan nixtieq ngħaqqad ukoll tagħrif ċkejken ieħor, ġej proprju minn fomm is-sit tal-banda Mostija l-oħra[8]: 'Fl-1905 qam xi diżgwid bejn il-membri tas-Soċjetà, tant li xi wħud telqu u waqqfu banda oħra fil-Mosta bl-isem ta' Filarmonika 'Santa Marija'. Mhux l-istess eżatt jgħid Camilleri, li skont ma kkwota lil RMB: 'Is-Surmast Antonio Miruzzi għamel żmien imexxi l-banda għall-ħabta tas-sena 1900'.[9]

Jissokta fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa tas-sena d-dieħla.

***Referenzi***


1. Dad-dati jagħtihomlna J.J. Camilleri. Ara 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', it-Tielet Volum, p.13.
2. https://festazabbar.webs.com/banedfirrahal.htm.
3. 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex' (PIN, 1997), L-Ewwel Volum, p. 56.
4. Il-bdil fl-isem sar b'lealtà lejn il-Familja Rjali Ingliża.
5. 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum' (Giov. Muscat, 1951).
6. *Ibid.* p. 57.
7. Ktieb tal-festa 2017, pp. 186-8.
8. www.nicoloisouardmosta.org/.
9. 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', it-Tielet Volum, p.13.
10. It-titlu sħiħ ta' dal-istudju qasir ittajpjat li jinsab fuq il-qoxra ta' quddiem hu kif ġej: 'Tifkira / ta' Meta / il- / 'Peace' Band / tan-Naxxar / Fakkret / għeluq il-Mitt Sena mit- / Twaqqif Tagħha / 1862-1962'.
11. Dwar das-surmast, Nigel Holland, fil-kitba tiegħu 'L-Istorja Glorjuża tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena' (Holland, 2006), jikkwota lil RMB billi jgħid li kien hu l-ewwel wieħed li mexxa 'l-ewwel banda Furjaniża li kienet iġġib l-istess isem fl-1867.
12. 'Il das-surmast ta' nisel Portugiż insibuh jidderieġi wkoll 'l-Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' ta' Ħal Luqa bejn l-1890-1.
13. Kien għalliem tat-Taljan fil-Liċeo u kien imexxi skola private f'Tas-Sliema. Bħala poeta kiteb bosta xogħlijiet sagri, reliġjużi u patrijottiċi li ġew stampati fi tliet volumi.
14. Nota bijografika Abela Scolaro.